**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1331/2023**

**OWEN FORMOSA (KI 534383M)**

**VS**

**THE JACKPOT GROUP LIMITED**
**TRADING AS**
**SPINOLA GAMING (C-91654)**

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa, ħamsa u għoxrin (25) t’Ottubru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba magħmula permezz ta’ rikors tar-rikorrent preżentat fil-wieħed u għoxrin (21) ta’ Novembru 2023 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex is-soċjeta’ konvenuta tiġi dikjarata debitriċi tal-attur fl-ammont ta’ sebgħa u sebgħin elf, tliet mija tnejn u tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€77,332.33) rappreżentanti pagi u intitolamenti relatati mhux imħallsa lilu matul l-impjieg

tiegħu mal-istess soċjeta' konvenuta, u tiġi ordnata tħallas l-istess somma lill-attur.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 2023, **<u>Owen Formosa</u>** ppremetta:

   a. *Illi l-esponent kien impjegat mas-soċjetà konvenuta sa mill-ewwel ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (01.06.2020) (kuntratt ta' impjieg hawn anness u immarkat bħala* ***Dok A****), fl-irwol ta' Chief Product Officer. L-employment history (Jobsplus) tal-esponent hija hawn annessa u immarkata bħala* ***Dok B;***

   b. *Illi għal kull buon fini jiġi sottomess li l-impjegat iffirma kuntratt tal-impjieg sussegwenti fit-tnejn u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (22.12.2022), hawn anness u immarkat bħala* ***Dok C;***

   c. *Illi l-attur ma tħallasx, u għadu ma tħallasx, il-pagi kollha dovuti lilu (inkluż intitolamenti oħra ossia l-vacation leave akkummulat u l-bonuses u allowances statutorji) u dan mill-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (01.01.2023), u dan sew:*

      a. *għall-perjodu fejn huwa kien uffiċjalment qiegħed jaħdem, ossia mill-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (01.01.2023) sal-ħamsa ta' April tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (05.04.2023); u*

      b. *għall-perjodu illi fih huwa kien fuq garden leave impost fuqu sakemm l-impjieg ġie itterminat, ossia mis-sitta ta' April tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (06.04.2023) sal-erbgħa ta' Awwissu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (04.08.2023);*

d. *Illi s-socjetà konvenuta għalhekk hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' sebgħa u sebgħin elf, tlett mija tnejn u tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€77,332.33) dovuta minnha lill-attur, rappreżentanti pagi mhux imħallsa lill-attur, u dana skont ma jirrizulta mill-prospett hawn anness u immarkat bħala* ***Dok D;***

e. *Illi għaldaqstant l-ammont li qed jiġi mitlub bħala parti minn din il-kawża huwa ammont li huwa ċert, likwidu u dovut;*

f. *Illi sa fejn jaf l-esponenti, fil-każ odjern jirrikorru r-rekwiżiti li teħtieġ il-liġi sabiex din il-kawża tiġi mismugħa u deċiża bil-proċedura sommarja speċjali u li l-konvenuti m'għandhom l-ebda eċċezzjonijiet validi x'jagħtu f'dina l-kawża, u li għaldaqstant jokkorru l-elementi meħtieġa skont l-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

i. *Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

ii. *Tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tal-attur fl-ammont ta' sebgħa u sebgħin elf, tliet mija tnejn u tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€77,332.33) rappreżentanti pagi u intitolamenti relatati mhux imħallsa lilu matul l-impjieg tiegħu mal-istess soċjeta' konvenuta; u*

iii. *Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas l-ammont ta' sebgħa u sebgħin elf, tliet mija tnejn u tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€77,332.33) lill-attur, rappreżentanti pagi u intitolamenti relatati mhux imħallsa lilu matul l-impjieg tiegħu mal-istess soċjeta' konvenuta;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dovut skont il-liġi u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-attur kontra s-soċjeta' konvenuta.*

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat ta' Owen Formosa datat wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 2023, u d-dokumenti annessi miegħu;

5. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru 2023 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tat-Tnejn, tmintax (18) ta' Diċembru 2023, b'ordni lis-soċjeta' konvenuta sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tal-attur, u, fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attur;

6. Rat illi s-soċjeta' intimata ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni nhar id-dsatax (19) ta' Lulju 2024;

7. Rat illi, waqt is-seduta tat-tlieta (3) t'Ottubru 2024, is-soċjeta' konvenuta, debitament notifikata, imsejħa diversi drabi baqgħet ma dehritx;

8. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrent **Owen Formosa** waqt is-seduta tat-tlieta (3) t'Ottubru 2024;

9. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-sentenza;

10. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

11. Din il-Qorti semgħet lir-rikorrent Owen Formosa jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi għadha dovuta lilu mis-soċjeta' intimata s-somma ta' €77,332.33 rappreżentanti paga u *allowances* kif indikat fir-rikors promotur;

12. Inoltre, din il-Qorti rat illi minkejja illi s-soċjeta' intimata ġiet debitament notifikata, la deher rappreżentant tagħha waqt is-seduta illi fiha ssejjaħ ir-rikors odjern, u lanqas deher rappreżentant legali sabiex jassistiha, b'dana illi la opponiet għat-talbiet rikorrenti u lanqas tat prova illi fil-fehma tal-Qorti setgħet kienet biżżejjed biex turi illi hemm eċċezzjonijiet *prima facie* x'jitressqu kontra l-mertu tal-azzjoni;

13. **Għaldaqstant it-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata u sejra tintlaqa';**

14. **Konsegwentement sejra tintlaqa' wkoll it-tielet talba tar-rikorrent.**

**Decide**

15. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante illi ġiet sorvolata;

(ii) **Tilqa'** t-tieni talba tar-rikorrent u tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' sebgħa u sebgħin elf, tliet mija, tnejn u tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€77,332.33) rappreżentanti pagi u intitolamenti relatati mhux imħallsa lilu matul l-impjieg tiegħu mal-istess soċjeta' konvenuta;

(iii) **Tilqa'** t-tielet talba tar-rikorrent u tordna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas is-somma ta' sebgħa u sebgħin elf, tliet mija, tnejn u tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€77,332.33) lill-attur, rappreżentanti pagi u intitolamenti relatati mhux imħallsa lilu matul l-impjieg tiegħu mal-istess soċjeta' konvenuta, kif ukoll imgħax dekorribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 2023 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż a karigu tas-soċjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**